SACRED HEART COLLEGE
Sacred Heart Avenue, St. Julian's STJ 1432
Tel.: 21313095
E-mail: sacredheart@onvol.net

27th April 2017

Dear Parents/Guardians,

Now that the Easter holidays are over, I welcome you to the third term of this scholastic year. It is a very short but hectic term.

I am pleased to inform you that **Ms Lilian Grech** has been appointed Assistant Head, replacing Ms Pace. Ms Grech will be in charge of **Forms 1 and 2.** I am sure she will be a very good asset to the school.

During this week our students in **Forms 1 and 2** have had a talk by the Maltese author Ms Antoinette Borg whereas Dr Adrian Grima spoke to the **Forms 3 and 4**. These talks were held to celebrate **Library week**.

As the weather is getting warmer, our students will be changing to their summer uniform as from **Tuesday 2nd May 2017**. Please make sure that they come in full uniform and that it fits them well.

**Prize Day** shall be held on **Wednesday 10th May at 7pm.** A performance for parents, relatives and friends of performers will be held on **Tuesday 9th May at 7.30pm.** Please note that the school will be closed in the morning on 10th May.

Our **Form 2** students have had talks at the end of the second term during midday break about subjects that they can take as options as from Form 3. The parents of these students will be invited to the school for a talk on options on **Friday 12th May 2017 at 9am in the School Marian Hall.** All Form 2 students will be present for this talk.

A gentle reminder to all parents: The forms for Informal Educational Activities, that is activities attended after school hours, are to be brought back to school by **Friday 12th May 2017,** and are to be handed in to the school Secretary. More information about the Secondary School Certificate and Profile may be obtained from the website of the Education Division: http://skola.edu.mt/secondary-school-certificate-and-profile

**Form 2** students will have their Christ Encounter on **Tuesday 16th May** whilst the **Form 3** students will be having it on **Wednesday 17th May.** This is a special day of reflection and Christian formation which the school strongly believes in. ALL students are expected to attend as this is a school day with a difference. Please phone the school in the morning if your daughter is unwell.

**Form 1** students will be having a day seminar called 'Growing Up – New Experiences', during the month of May. All parents of Form 1 will be invited to a **Mini Open Day** on **Thursday 18th May 2017 between 8.45am and 12.40pm**. More details about this activity will be issued closer to the date.

**A School Development Plan (SDP) Day** will be held for the staff on **Wednesday 31st May 2017**. It is a study day for all students.

On **Thursday 1st June 2017** we shall be holding the **Form 5 School Leaving and Prize Day Celebration**. The evening will start with Mass at **7.30pm**, followed by the distribution of School Certificates and Prizes. There will also be a small reception in the school quadrangle. Parents of Form Five students are reminded to keep this evening free in order to be able to attend. No invitations will be issued for this occasion. **Besides the students, only parents / guardians are invited to attend.**

**Annual Exams** shall be starting on **Monday 12th June 2017**. These exams should be taken seriously and students must not leave study and revision for the last few days before exams start. Any absence during exams has to be covered by a note or a medical certificate which has to be brought or posted to the School Administration. The results of annual exams are recorded on the national database and will be shown on the Secondary School Certificate and Profile of each student leaving Form 5. Schools have been notified that any absence during exams that is not covered by a medical certificate is to be marked as 'absent'. **Orals and Listening Comprehensions are considered as part of the school exams.**

Please note that students who fail certain subjects will be required to do extra work during the summer months. These subjects will be indicated by the school. The work done is to be properly corrected and students have to hand it in to their teachers on the first day of school in September. This work has to be neat and presented in an organised manner.

**Some other reminders:**

- **Every Friday at 7.45am** we organise an early morning mass for those students who are here. Please encourage your daughter to attend.
- Students are only excused from school when they are unwell. An **absence** note has to be brought to school on the **FIRST** day they return and is to be handed to their Class Teacher. Absences over **two days** must be covered by a medical certificate. Schools are required to report any absences not covered by notes or medical certificates.
- **Students collected by private cars** should be picked up from the Hermitage Gate behind the Junior School building. No cars are allowed in the school driveway at 3pm. In special cases where students are not able to walk to the Hermitage Gate, they may be picked up from the school main door at 3.10pm or 12.55pm during half days.
- Students are to come to school wearing the **full school uniform** and are only allowed to come to school in their P.E. kit on the day when they have their P.E. lesson/s. If for any reason students are not in their proper uniform, they have to present a note, written by their parents/guardians, on **the same day,** to the School Administration. Parents of students not appropriately dressed will be notified.
- **Electronic apparatus –** mobile phones, mp3 players, tablets etc. -- is not allowed in school. Please see that your daughter obeys this rule. These items will be confiscated unless there is a valid reason and the item is brought to the administration in the morning, accompanied by a note.
- No image or reference to staff, students, school building, school uniform or regalia that pertain to the Sacred Heart College, St. Julian's, may be reproduced on the internet without written consent of the Head of School. It is therefore illegal for any student to post photos or details on the internet that can in any way identify them as students of the school. Your cooperation, to ensure that no such images or references are made available, is required. Serious disciplinary measures may result if students are caught abusing this facility.

Kindly note that the school will be closed during the month of August.

May the Sacred Heart of Jesus bless us all.

Mrs. J. Attard Pulis
Head of Senior School.

SACRED HEART COLLEGE
Sacred Heart Avenue, St. Julian's STJ 1432
Tel.: 21313095
E-mail: sacredheart@onvol.net

Is-27 t'April 2017

Għeżież Ġenituri/Kustodji,

Issa li għaddew il-vaganzi tal-Għid, nilqagħkom għat-tielet term ta' din is-sena skolastika. Dan it-term hu wieħed qasir imma mimli attivitajiet.

Bi pjaċir nixtieq ninfurmakom li s-**Sa Lilian Grech** ġiet appuntata bħala Assistenta Kap tal-Iskola flok is-Sa Pace. Is-Sa Grech se tkun qed tieħu ħsieb l-istudenti tal-**Ewwel u t-Tieni sena**. Jiena ċerta li se tkun qed tagħti kontribut siewi lill-iskola tagħna.

Matul din il-ġimgħa l-studenti tal-**Ewwel u t-Tieni sena** kellhom taħdita mill-awtriċi Maltija s-Sa Antoinette Borg, filwaqt li d-Dott. Adrian Grima kellem lill-istudenti tat-**Tielet u r-Raba' sena.** Dawn il-laqgħat ittellgħu fl-okkażjoni ta' **Library Week.**

Minn nhar it-**Tlieta 2 ta'** Mejju, l-istudenti kollha jibdew jiġu l-iskola bl-uniformi tas-sajf. Jekk jogħġobkom araw li jiġu bl-uniformi kompluta u li għadha tiġihom sew.

**Jum il-Premjazzjoni** din is-sena se ssir nhar **l-Erbgħa 10 ta' Mejju fis-7pm.** Il-*performance* ser terġa tittella' għall-ġenituri, qraba u ħbieb tal-istudenti li ser jieħdu sehem, nhar **it-Tlieta 9 ta' Mejju fis-7.30pm**. Infakkarkom li l-iskola tkun magħluqa filgħodu fl-10 ta' Mejju.

Fit-tieni term, waqt il-brejk ta' nofsinhar, l-istudenti li qegħdin fit-**Tieni sena** kellhom laqgħat dwar is-suġġetti li huma jistgħu jagħżlu bħala *options*. Il-ġenituri ta' dawn l-istudenti se jkunu mistiedna għal-laqgħa fuq l-*options* nhar **il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017 fid-9am fil-** ***Marian Hall.*** L-istudenti tat-Tieni sena se jkunu preżenti għal din il-laqgħa.

Il-formoli tal-*Informal Educational Activities*, jiġifieri dawk l-attivitajiet li l-istudenti jattendu wara l-ħin tal-iskola, għandhom jinġiebu lura l-iskola sa nhar **il-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2017**, u għandhom jingħataw lis-Segretarja tal-iskola. Aktar informazzjoni dwar is-*Secondary School Certificate and Profile* tinsab fuq is-sit tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni: http://skola.edu.mt/secondary-school-certificate-and-profile

L-istudenti tat **Tieni sena** se jkollhom il-*Christ Encounter* nhar it-**Tlieta 16 ta' Mejju** filwaqt li dawk tat-**Tielet sena** se jkollhom din l-attivita' nhar l-**Erbgħa 17 ta' Mejju.** Din hi ġurnata speċjali ta' riflessjoni u formazzjoni nisranija li l-iskola tagħna tant temmen fiha. L-istudenti KOLLHA għandhom jattendu għal din il-ġurnata skolastika b'differenza. Jekk jogħġobkom ċemplu l-iskola filgħodu jekk bintkom tkun ma tiflaħx.

Seminar ta' ġurnata bit-tema 'Growing Up – New Experiences' se jittella' għall-istudenti tal-**Ewwel sena** f'Mejju. Il-ġenituri kollha ta' dawn l-istudenti se jkunu mistiedna għal ***Mini Open Day*** nhar **Il-Ħamis 18 ta' Mejju 2017 bejn id-8.45am u s-12.40pm**. Aktar dettalji dwar din l-attività jingħataw aktar 'il quddiem.

**L-Erbgħa 31 ta' Mejju** se tkun ġurnata ta' taħriġ għall-istaff kollu tal-iskola. L-istudenti jkollhom *study day* f'dil-ġurnata.

Nhar il-**Ħamis l-1 ta' Ġunju 2017** se niċċelebraw il-***Form 5 School Leaving & Prize Day.*** Is-serata tibda b'quddiesa fis-**7.30pm** u tkompli bl-għoti taċ-Ċertifikati tal-Iskola u Premjijiet. Ikun hemm ukoll festin żgħir fil-*quadrangle* tal-iskola. Il-ġenituri ta' dawn l-istudenti huma mfakkra jħallu din is-serata libera sabiex

ikunu jistgħu jattendu. Ma jinħarġux inviti għal din l-okkażżjoni. **Il-Ġenituri/kustodji biss huma mistiedna jattendu flimkien mal-istudenti.**

**L-eżamijiet tal-aħħar tas-sena** se jibdew nhar **it-Tnejn 12 ta' Ġunju 2017**. Dawn l-eżamijiet għandhom jittieħdu bis-serjetà u l-istudenti m'għandhomx iħallu l-istudju u r-reviżjoni għall-aħħar ġranet ta' qabel l-eżamijiet. Meta xi studenta ma tiġix għal xi eżami, għandha tintbagħat nota jew ċertifikat tat-tabib lill-Amministrazzjoni tal-Iskola. Ir-riżultati tal-eżamijiet tal-aħħar tas-sena jiġu mniżżla fid-*database* nazzjonali u jidhru fuq is-*Secondary School Certificate and Profile* ta' kull studenta meta tispiċċa l-Ħames sena sekondarja. L-iskejjel ġew mgħarrfa li meta xi studenti ma jiġux għal xi eżami jiġu mniżżlin li 'fallew' jekk ma jkunux ġabu Ċertifikat tat-Tabib. **L-eżamijiet Orali, tas-Smigħ u l-Qari huma meqjusa bħala parti mill-eżamijiet tal-iskola.**

Dawk l-istudenti li ma jgħaddux minn xi suġġett/i, ikollhom jagħmlu xi xogħol matul il-vaganzi tas-sajf. Dawn is-suġġetti jiġu ndikati mill-iskola. Ix-xogħol li jsir irid jiġi kkoreġut sew, għandu jinġieb l-iskola mill-istudenti fl-ewwel ġurnata tal-iskola f'Settembru u għandu jingħata lill-għalliema kkonċernati. Dan ix-xogħol irid ikun pulit u ppreżentat b'mod organizzat.

**Nixtieq infakkarkom ukoll li**:

- **Kull nhar ta' Ġimgħa fit-7.45am** ikun hemm **quddiesa** fil-kappella tal-iskola għal dawk l-istudenti li jaslu kmieni. Nitlobkom tħeġġuhom biex jattendu.
- L-istudenti huma skużati mill-iskola biss f'każ li jkunu ma jifilħux. **Fl-ewwel ġurnata** li jiġu lura għandhom iġibu magħhom nota li għandha tingħata lill-*Class Teacher*. Jekk ifallu **iżjed minn jumejn** għandu jintbagħat ċertifikat mediku. L-iskejjel huma mitluba jirrappurtaw tfal li jfallu u ma jġibux *absence note* jew ċertifikat tat-tabib.
- **L-istudenti li jinġabru minnkom b'karozzi privati**, għandhom jiġu miġbura mill-*Hermitage Gate* li tinsab wara l-*Junior School*. Fit-3pm m'għandux ikun hemm karozzi fid-*driveway* tal-iskola. F'każijiet speċjali meta l-istudenti ma jkunux jistgħu jimxu sal-*Hermitage Gate*, jistgħu jinġabru mill-entratura prinċipali tal-iskola fit-3.10pm jew fis-12.55pm fin-nofstanhari.
- L-istudenti għandhom jiġu l-iskola bl-**uniformi kompluta** u jistgħu jilbsu l-P.E. kit biss fil-ġurnata li jkollhom il-*P.E.* Jekk għal xi raġuni l-istudenti ma jkunux lebsin l-uniformi kif suppost, għandhom jippreżentaw nota, miktuba mill-ġenituri **dakinhar stess,** lill-Amministrazzjoni tal-iskola. Il-ġenituri jiġu nnotifikati f'każ li binthom ma tkunx liebsa l-uniformi kif suppost.
- **Apparat elettroniku** bħal *mobile phones, mp3 players, tablets* eċċ, mhux permess fl-iskola. Nixtieq il-kollaborazzjoni tagħkom f'din billi tassiguraw li bintkom tobdi din ir-regola. Jekk jinġiebu l-iskola, dawn jiġu kkonfiskati, sakemm ma jkunx hemm raġuni valida u jinġiebu fl-uffiċini tal-amministrazzjoni filgħodu akkumpanjati b'noti.
- L-ebda dehra jew referenza tal-istaff, l-istudenti, il-bini tal-iskola, l-uniformi tal-iskola jew simboli li jappartjenu għas-Sacred Heart College, San Ġiljan, jistgħu jiġu rriproduċuti fuq l-internet mingħajr il-kunsens tal-kap tal-iskola. Allura huwa illegali li l-istudenti jtellgħu ritratti jew dettalji fuq l-internet li jistgħu b'xi mod jew ieħor jiġu identifikati bħala studenti tal-iskola. Il-kooperazzjoni tagħkom hija meħtieġa sabiex nassiguraw li l-ebda ritratti jew referenzi ma jiġu viabbli. Miżuri serji u dixxipplinarji jittieħdu jekk l-istudenti jinqabdu jabbużaw minn din il-faċilità.

Nixtieq infakkarkom li l-iskola tkun magħluqa f'Awwissu. Nitolbu lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù biex iberikna lkoll.

Mrs. J. Attard Pulis
Kap tal-Iskola Sekondarja.

## Dates to Remember

| | |
|---|---|
| Tuesday 2nd May | Summer Uniform |
| Sunday 7th May | PTA Comino Cultural Tour |
| Tuesday 9th May | Prize Day Performance for parents, relatives and friends of Performers at 7.30pm |
| Wednesday 10th May | Prize Day Forms 1, 2, 3 for Scholastic year 2015-2016 at 7pm |
| Friday 12th May | Form 2 Option Talk for Parents and Students in Marian Hall at 9am<br>Deadline for Forms 1 to 4 to submit Informal Activities Sheet to School Secretary<br>PTA Grand raffle closing date |
| Saturday 13th May | PTA Lectio Divina |
| Tuesday 16th May | Form 2 Christ Encounter |
| Wednesday 17th May | Form 3 Christ Encounter |
| Thursday 18th May | Mini Open Day for Parents of students in Form 1 from 8.45am to 12.40pm |
| Friday 19th May | Form 4 SEC Buskett Fieldwork |
| Thursday 25th May | Feast of St Madeleine Sophie Barat, Foundress of the Society of the Sacred Heart<br>Eucharistic Day |
| Wednesday 31st May | SDP Day for Staff.<br>Study Day for all students |
| Wednesday 1st June | Start of Half Days. School finishes at 12.45pm<br>Form 5 School Leaving and Prize Day Celebration at 7.30pm in the School Chapel |
| Saturday 3rd June | Form 3 ECDL Exam - Spreadsheet |
| Monday 12th June | Annual Exams start |
| Friday 23rd June | Feast of the Sacred Heart of Jesus |
| Monday 26th June | End of Annual Exams |
| Wednesday 28th June | PTA Thanksgiving Event and Grand Raffle Draw |
| Tuesday 27th June | Meeting for Parents of Year 6 Students at 9am in the Auditorium |
| Saturday 1st July | Form 2 ECDL Exam – PowerPoint |
| | Form 4 ECDL Exam – Online Essentials |

**Useful contact details:**
School telephone number: 21 313095
School e-mail address: sacredheart@onvol.net
School website: www.sacredheartmalta.org

**THIRD TERM CIRCULAR APRIL 2017**

We have read the circular dated 27th April 2017 and we will make sure that our daughter abides by it :
Aħna qrajna ċ-ċirkolari tas-27 ta' April 2017 u se nassiguraw li t-tifla tagħna ssegwi dak li hemm fiha:

Daughter's Name: ________________________________ Class : ______________

Parents' / Guardians' Signature : ________________________

________________________